**QORTI TA' L-APPELL**

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 14/2013**

**Maria Dolores Grech**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tad-09 ta' Awwissu 2013, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*'L-Arbitru,*
*Ra l-appell;*

*Ra r-risposta;*
*Ikkunsidra,*
*Illi b'ittra datata 1 ta' Ottubru, 2012, l-appellanti giet mitluba tirrifondi is-somma ta' €33,436.78 imhallsa fil-perjodu ta' 7 ta' Jannar, 2006 sa 28 ta' Settembru, 2012, imhallsa bhala ghajnuna socjali meta r-rizorsi taghha kienu jeccedu l-limitu.*
*Illi gie interpost appell b'ittra datata 24 ta' Ottubru, 2012;*
*Id-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 2 ta' Gunju, 2013;*
*Bhala beneficcjarja ta' ghajnuna socjali l-appellanti kellha l-obbligu li tinforma lid-Dipartiment b'kull kambjament fic-cirkostanzi taghha., Hija bieghet u xtrat propjeta' minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment. Huwa abbinat ma' ezami ta' m mezzi sa €14000.*
*L-appell qed jigi michud.'*

Illi minn din is-sentenza ħassitha aggravata l-appellanti Maria Dolores Grech u qed tinterponi dan l-appell bl-**ewwel aggravju** illi s-sentenza tal-Arbitru hija nulla u bla effett stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi għal dak li jirrigwarda l-motivazzjoni u illi id-deċiżjoni ma tirriflettiex ir-realta finanzjarja tas-sitwazzjoni tal-appellanti. It-**tieni aggravju** jirrigwarda l-fatt illi r-rizorsi kapitali tal-appellanti ma jissuperawx il-limitu ta' €14 000 u kwindi l-appellanti tgħid illi hija kienet intitolata għall-għajnuna taht l-Att dwar is-Sigurta Soċjali.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:-

Illi fil-11 ta' Ġunju 2003, fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras, l-appellanti iffirmat dikjarazzjoni *causa mortis* għar-rigward tal-wirt ta' ommha Maria Iris Grech. Skond din il-*causa mortis,* l-appellanta ġiet iddikjarata bħala l-uniku eredi fl-imsemmi wirt.

Jirriżulta minn din il-*causa mortis* li l-appellanti wirtet it-terran bl-arja tiegħu liema terran qiegħed il-Kalkara, ix-Xatt, numru wieħed u sittin, ittra A (61A), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, bil-valur ta' ħdax–il elf

u ħames mitt lira Maltin (Lm 11, 500), liema fond kien ir-residenza tad-Decujus. (Dok B fol 9 )

Illi fis-26 ta' Awwissu 2003, l-appellanti iffirmat kuntratt ta' separazzjoni minn ma' żewġha John Farrugia (Dok C fol 12). Skond dan il-kuntratt, l-appellanti kellha tħallas lil żewġha is-somma ta' Lm4000 għall-benefikati magħmulin fil-fond matrimonjali 38, Ix-Xatt, Kalkara, liema proprjeta kienet parafernali tagħha. Fil-fatt, jirriżulta illi l-appellanti ħallset lil zewgha zewg pagamenti fl-ammonti ta' Lm 2,000 (dokument F) u Lm 1, 500 (Dokument H). L-appellanti assumiet ukoll id-dejn li kien hemm ta' Lm 3,500, liema dejn tħallas meta inbieghet il-proprjeta 38, Ix-Xatt, Kalkara.

Illi sussegwentement l-appellanti biegħet u assenjat lill-konjugi Axisa il-fond 38, The Strand, Kalkara liema proprjeta kienet id-dar matrimonjali tagħha u ta' żewġha għall-prezz ta' Lm 33 000 (dok G fol 22.) Wara dan imbaghad hija biegħet u assenjat lill-konjugi Hudson appartament, liema fond kien oriġinarjament il-proprjeta ta' ommha u li hija kienet wirtet (fol 31.) L-appellanti bdiet tibni żewġ appartamenti minflok ir-residenza ta' ommha, u hija tagħti rendikont tal-ispejjeż involuti, li jammontaw għal Lm 37,025.75 f'dan il-proġett (dok K a fol 39.)

Illi d-Direttur tas-Sigurta Soċjali informa lill-appellanti li hija kellha tirrifondi s-somma ta' €33.436.78 imħallsa lilha bejn il-perjodu tas-7 ta' Jannar 2006 sat-28 ta' Settembru 2012 bħala għajnuna soċjali meta r-riżorsi tagħha kienu jeċċedu l-limitu permess fil-ligi.

Illi l-appellanti appellat minn din id-deċiżjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru, fejn l-appell tagħha ġie miċħud.

L-appellanti, bl-ewwel impunjattiva minnha imressqa tilmenta illi d-deċiżjoni tal-Arbitru ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 218 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi illi fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet

li fuqhom tkun ġiet ibbażata d-deċiżjoni, u issostni illi s-sentenza appellata ma tagħtix motivazzjoni jew spjegazzjoni valida li tissunstanzja u tiġġustifika d-deċiżjoni tal-Arbitru.

Illi fis-sentenza Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali (App.Inf. 06/10/201) gie deciz in materia:
*"... ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju, 2010;*
*Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

*Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001).*

*Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu; Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u r-razzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni  u r-rizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti flismijiet "Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009;*

*Dan kollu qieghed jigi sottolinejat in kwantu, skematika kemm hi skematika d-decizjoni appellata de quo, wiehed kien jistenna illi almenu l-Arbitru kellu japprezza, ankorke fl-assjem taghhom, l-elementi ta' prova ta' naha u ta' ohra qabel ma finalment iqieghed in riljev l-aspett singolari spigolat minnhom u hekk bastanti biex jikkjarixxi u adegwatament isostni r-ratio decidendi."*

Illi din il-Qorti tikkondividi bi shih dan l-insenjament gudizzjarju. Illi minn qari tad-decizjoni impunjata, din tghid hekk fil-parti disposittiva tagħha:
*Bħala benefiċċjarja ta' għajnuna soċjali, l-appellanti kellha l-obbligu li tinforma lid-Dipartiment b'kull kambjament fiċ-ċirkostanzi tagħha. Hija biegħet u xtrat proprjeta mingħajr ma nfurmat lid-Dipartiment. Huwa abbinat ma' eżami ta' mezzi sa' €14,000.*

Din il-Qorti tosserva illi l-ewwel żewġ sentenzi ta' din id-deċiżjoni, l-Arbitru donnu qiegħed jiġġustifika s-sentenza tad-Direttur għaċ-ċaħda tal-benefiċċju mill-appellanti peress illi hija kellha l-obbligu li tinforma lid-Dipartiment b'kull kambjament fiċ-ċirkostanzi tagħha, pero hija naqset milli tinforma lid-Dipartiment dwar il-fatt illi hija biegħet u xtrat proprjeta. Imbagħad, fit-tielet sentenza tad-deċiżjoni tieghu, l-arbitru donnu jagħmel riferenza għat-test tal-mezzi meta jgħid "*Huwa abbinat ma' eżami ta' mezzi sa' €14,000"* u jieqaf

hemm, b'sentenza li mhux intelliġibli stante li la fiha suġġett u lanqas fiha kontinwazzjoni.

Jiġi speċifikat illi  l-kwezit li gie rimess ghall-gudizzju tal-Arbitru fil-kawża odjerna kien jirrigwarda l-kwistjoni jekk r-rizorsi tal-appellanti kienux jeċċedu l-€14000. Fl-1 ta' Ottubru 2012, id-Direttur tas-Sigurta Soċjali kien iddeċieda illi r-riżorsi tal-benefiċċjarja jeċċedu l-ammont massimu rikjest mill-liġi, u b'hekk twaqqfet l-għajnuna soċjali.

Jinghad illi d-deċiżjoni tal-appell tal-Arbitru ma tagħmilx sens għaliex jingħad illi l-appell qed jigi michud minghajr ma jigi indikat almenu fil-qasir il-motivazzjoni li wasslitu ghal tali konkluzjoni u ghalhekk ma tistax  tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni, għaliex ma fiha ebda indikazzjoni tal-elementi li fuqhom l-Arbitru jiffonda d-decizjoni tieghu u l-appellanti ma tingħatax lanqas sodisfazzjoni minimu  ghaliex l-Arbitru wasal ghal dak il-konvinciment tieghu

Jingħad għalhekk illi d-deċiżjoni appellata ma hijiex  sufficjenti sabiex il-vot tal-ligi fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 jigi sodisfatt u ghalhekk id-decizjoni titqies wahda valida.  Illi dan huwa mehtieg sabiex kwalunkwe gudizzju ikun trasparenti u sabiex il-parti sokkombenti ghal tali gudizzju ikollha kif huwa dritt taghha il-mottiv fattwali u legali li wassal ghal tali decizjoni (Appell Civili Numru. 21/2012 Aloysia Fava Vs Direttur Tas-Sigurta Socjali 16 ta' Dicembru, 2014)

Anke jekk mhux wahda elaborata, il-motivazzjoni trid tkun wahda adegwata, ko-erenti u, almenu, sorretta minn iter ta' hsieb intelligibbli. Ġie ritenut ukoll illi "il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-

responsabilita` tal-gudizzju ma jistax jiehu short cut fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita`, b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja" - Michael Gatt -vs- LAwtorita` ta' l-Ippjanar", 19 ta' Novembru, 2001.

Id-decizjoni li tat lok ghal dan l-appell taqa' sew fil-kategorija depinta fis-sentenza appena citata. Hi wahda "short cut" minghajr spjegazzjoni cara u ko-erenti tar-*ratio decidendi* ta'l-Arbitru. Din il-Qorti ma tistax ghalhekk tqisha sufficjenti u razzjonali biex tkun tista' taghmel raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi processwali.

Ghall-motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa' l-aggravju tal-appellanti Maria Dolores Grech u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur